Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Ġunju 2021**
**(OR. en)**

**9366/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0210(COD)**

**CODEC 809**
**PECHE 177**
**CADREFIN 273**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fit-13 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikoli 42, 43(2), 91(1), 100(2), 173(3), 175, 188, 192(2), 194(2), 195(2) TFUE, lill-Kunsill.

2. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Ottubru 2018[2].

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2018[3].

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-4 ta' April 2019[4].

---

[1] 9627/18
[2] ĠU C 461, 21.12.2018, p. 125–146
[3] ĠU C 110, 22.3.2019, p. 104-111
[4] 8052/19

5. Sussegwentement, fit-22 ta' Frar 2021 il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għas-Sajd (PECH) ikkonferma l-qbil proviżorju u l-President tiegħu bagħat ittra fil-25 ta' Frar 2021 lill-President tal-Coreper fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.

6. Fit-3 ta' Marzu 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi.

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill:

– jadotta, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument 6975/21 + REV 1 (lt) u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tinsab fid-dokument 6975/21 ADD 1, bl-Iżvezja tivvota kontra u l-Litwanja tastjeni;

– japprova d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kif stabbiliti fl-Addendum 1 għal din in-nota.

8. Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill huma stabbiliti fl-Addendum 1 għal din in-nota. Id-dikjarazzjonijiet mil-Litwanja, mill-Iżvezja u mill-Kummissjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 2.